Irkejjen Storiċi

minn Vincent ZAMMIT

*ARKEOLOĠIJA*

# IT-TEMPJU TA' BORĠ IN-NADUR

Fir-rubrika tagħna ġieli tkellimna dwar diversi fdalijiet preistoriċi li nsibu madwar il-gżejjer Maltin. Kien hemm artiklu minnhom li kien dwar is-sît arkeoloġiku Borġ in-Nadur. Il-lum se nagħtu ħarsa lejn parti minn dan il-post, fejn is-suġġett prinċipali hu t-tempju.

Minħabba l-fdalijiet skarsi, kif ukoll imwaqqgħin li jinsabu f'Borġ in-Nadur, wieħed isibha kemmxejn diffiċli biex forsi jifhem it-teżor li jinstab f'dawn l-inħawi. Sfortunatament, l-istess skavi li kienu saru, kif ukoll it-telqa li dan it-tempju jinsab fiha, kompla għen fit-tnaqqis ta' għarfien ta' tempju preistoriku. Jekk wieħed jasal wasla sa ħdejn il-fdalijiet ta' Borġ in-Nadur għandu mnejn li lanqas biss jinduna bid-dettalji. Bl-għajnuna ta' disinji tal-post, kif ukoll b'interpretazzjonijiet moderni, wieħed faċilment ikun jista' jibni stampa aħjar.

Kulmeta wieħed jitkellem dwar it-tempji preistoriċi Maltin, dejjem nitkellmu dwar it-tempju biss. Ftit huma l-fdalijiet li juruna li quddiem id-daħla għat-tempju kien ikun hemm ukoll iz-zuntier, biex nużaw kelma li wieħed ikun jista' jifhimha aħjar.

Fil-każ ta' Borġ in-Nadur, din il-parti ta' quddiem it-tempju hi mdaqqsa mhux ħażin.

Fil-fatt, meta wieħed jersaq quddiem il-fdalijiet, mill-ewwel jinduna li l-ewwel ġebel m'hux ta' tempju. Iżda dawn huma biss fdalijiet oħra. Wara l-istudji li saru, l-interpretazzjoni hi li dawn kienu l-ġebel li jdawru z-zuntier kollu. Tant hu hekk, li f'dan it-tempju hemm daħla, li probabbilment kienet monumentali wkoll fiż-żmien li kienet inbniet.

Id-daħla monumentali hi magħmula minn tliet ġebliet, li xi mindaqqiet insibuha msemmija bħala *dolmen*. Din il-parti tat-tempju tifforma parti mir-reċint li hu maħsub li kien idur dawra sħiħa mat-tempju. Fuq in-naħa tax-xellug ta' l-istess tliet ġebliet, hemm żewġ ġebliet weqfin, u dawn huma maħsubin li kienu l-veru daħla għat-tempju preistoriku.

Il-ġebel, jew inkella aħjar, dak li fadal minnu, kien idur dawra sħiħa. Barra minhekk, interessanti hu l-fatt li ħafna mill-blat li hemm fiċ-ċentru ta' dan iz-zuntier jidher sew. Għalhekk, jista' jkun li oriġinarjament kien hemm xi ħaġa li tiksi l-art kollha.

Għalkemm hawnhekk ma jidher li għad fadal xejn minn din l-art (jekk kien hemm), wieħed jista' jfakkar ukoll li fit-tempju preistoriku ta' Kordin għad hemm l-art iċċangjata quddiem id-daħla tat-tempju. Fl-istess ħin, wieħed irid jgħid li skond rapporti ta' l-iskavi li saru minn Dr. Murray fl-ewwel snin tas-seklu 20, jingħad li kienu nstabu artijiet magħmula mit-torba. Dan jindika għalhekk, li seta' kien hemm irkejjen minn dan iz-zuntier li kellhom xi kisja ta' xi ħaġa.

Kważi faċċata tad-daħla ta' dan ir-reċint, wieħed jista' jara t-tempju proprju. Dan it-tempju għandu l-forma ta' erba' absidi. Għalhekk dan ifisser li jista' jkun li hu minn ta' l-aħħar. Skond it-teorija ta' David Trump, id-disinn tat-tempji żviluppaw billi kien hemm progress minn mudell għall-ieħor, u b'kollox hu jidentifika sitt disinji. It-tempji li kellhom erba' absidi jiġu l-ħames fost dan il-mudell. Għalhekk, wieħed jissoponi li qegħdin nitkellmu għal tempju li nbena madwar it-3,000 sena qabel Kristu.

It-tempju għandu l-absidi fondi, u għalhekk hu wieħed minn dawk li d-daqs tagħhom joffri idea ta' kemm kienu jkunu kbar dawn it-tempji. Biss, tajjeb jingħad ukoll li dan it-tempju hu meqjus wieħed miż-żgħar. Anzi, tajjeb ngħidu, li t-tempju għandu daqs ta' madwar tmien metri u nofs tul u seba' metri u nofs wiesa'. Filwaqt li z-zuntier ta' quddiem l-istess tempju hu ta' 28 metru u nofs tul u 16-il metru u nofs wiesa'.




*Id-daħla monumentali hi magħmula minn tliet ġebliet, li xi mindaqqiet nirreferu għalihom bħala 'dolmen'*

Dettal ieħor li wieħed tajjeb li jżomm quddiem għajnejh meta jitkellem dwar dawn il-fdalijiet hu l-fatt li l-arkeologi jafu kemm it-tempju tkabbar matul iż-żmien. Minħabba f'hekk, il-fuħħar instab imħallat u forsi anki f'liveli li ma jagħtux stampa ċara ta' x'kien hemm.

Biss, li hu żgur hu l-fatt li t-tip ta' fuħħar li nstab kien jikkonsisti f'eżempji kemm ta' żmien it-Tempji, kif ukoll ta' żmien il-Bronż. Dan nafu li kien lokal li ntuża ħafna min-nies magħrufin bħala ta' żmien il-Bronż. Xorta waħda jibqa' l-fatt li dawn il-fdalijiet għandhom ikunu priservati aħjar milli huma issa, u barra minhekk jistgħu ukoll ikunu apprezzati aktar mit-turisti li jiġu Malta, jekk ikunu preżentati aħjar.